



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2014
COM(2014) 135 final

2014/0070 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni
Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986¹ il-Komunità Ewropea approvat il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (il-Konvenzjoni), li stabbiliet il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). L-ICCAT hija Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) responsabbli mill-konservazzjoni tat-tonn u speċijiet bħat-tonn fl-Oċean Atlantiku u l-ibħra ta' madwaru. L-Unjoni Ewropea saret parti kontraenti fil-ICCAT fl-1997.

Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward tal-RFMOs, bħall-ICCAT meta dawn ikollhom jadottaw atti b'effetti legali, bl-eċċezzjoni ta' atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tagħhom, trid tiġi adottata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill, skont proposta mill-Kummissjoni.

Bħalissa, pożizzjoni bħal din fi ħdan l-RFMOs hija stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi multiannwali, filwaqt li minn hemm 'il quddiem, din tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz tad-dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Fir-rigward tal-ICCAT, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 14863/08, kif kienet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 11625/13 tipprovdi għal valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2014. Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li tistipula l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-ICCAT għall-perjodu 2014-2019 u b'hekk tiegħu post id-Deċiżjoni tal-Kunsill 14863/08 li tkopri l-perjodu 2008-2013.

Din ir-reviżjoni għandha l-għan li tinkorpora l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) il-ġdida, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², u tqis ukoll l-oġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS³. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni ġiet aġġustata skont it-Trattat ta' Lisbona. Finalment, il-pożizzjoni nġiebet konformi sal-limitu possibbli u tqis l-ispeċifitajiet tal-RFMOs differenti.

Bħalma huwa l-każ għall-pożizzjonijiet kurrenti, il-pożizzjoni li ġejja fiha prinċipji u orjentazzjonijiet. Barra minn hekk, il-proċess standard għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni ġie inkorporat kif kien mitlub mill-Istati Membri għal pożizzjonijiet li, aktar riċenti, inġiebu konformi.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-dimensjoni esterna tal-PKS kienet tagħmel parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-proposti tar-riforma tal-PKS. Il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet miftiehma għall-PKS il-ġdida sempliċiment qed jiġu trasposti fil-pożizzjonijiet riveduti.

¹ ĠU L 162 taT-18.06.1986, p. 33.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 tat-28/12/2013, p. 22).

³ COM(2011) 424 tal-13.7.2011.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni li ġejja hija bbażata fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari fuq l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) li jipprovdi li, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim meta dak il-korp jissejjaħ biex jadotta atti b'effetti legali. Din għandha tapplika għall-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni dwar il-ICCAT.

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-bażi legali li tistipula l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'dan il-mandat ta' nnegożjar.

Id-Deċiżjoni li jmiss għandha tiegħu post id-Deċiżjoni tal-Kunsill 14863/08 li tkopri l-perjodu 2008-2013 u għandha tkopri l-perjodu 2014-2019.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 38 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 39 tiegħu, jistipula li wieħed mill-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura d-disponibbiltà tal-provvisti.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jkunu sostenibbli ambjentalment għal żmien twil u jiġu ġestiti b'mod li jkun konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi u li jsir kontribut għall-provvisti tal-ikel. Ir-Regolament jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Ir-Regolament jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha jkollha l-għan li timxi fuq miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni abbażi tal-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli, li tippromwovi metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd iktar selettiv u, kemm jista' jkun, l-evitar jew it-tnaqqis ta' qabdiet ta' ħut mhux mixtieqa, li s-sajd isir b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u fuq ir-riżorsi tas-sajd u li gradwalment jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut. Barra minn hekk, ir-regolament jipprovdi speċifikament li dawn il-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fil-politika esterna tagħha.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986⁵ il-Komunità Ewropea approvat il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (il-Konvenzjoni), li stabbiliet il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Il-ICCAT hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri mfasslin biex jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fuq medda twila ta' żmien tar-riżorsi ta' ħut fiż-Żona ta' Konvenzjoni u biex tissalvagwardja l-ekosistemi marittimi li fihom ikunu jinsabu dawn ir-riżorsi. Miżuri bħal dawn jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 tat-28/12/2013, p. 22).

⁵ ĠU L 162 tat-18/06/1986, p. 33.

- (4) Skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd meta dawn ikollhom jadottaw atti b'effetti legali, bl-eċċezzjoni ta' atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tagħhom, trid tiġi adottata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill, skont proposta mill-Kummissjoni.
- (5) Fid-dawl tan-natura li dejjem qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni u l-ħtieġa sussegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni ġdida statistika, bijoloġika u ta' natura oħra ppreżentata qabel jew waqt il-Laqgħa annwali tal-ICCAT, iridu jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera qalb l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minnha fl-Artikolu 13(2) TUE, għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minnha sena għal sena;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa annwali tal-ICCAT meta dak il-korp jissejjaħ biex jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali, hija stipulata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minnha sena għal sena li għandha tittieħed fil-Laqgħa annwali tal-ICCAT għandha ssir b'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-Laqgħa annwali tal-ICCAT fl-2019.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiegħu post id-Deċiżjoni tal-Kunsill 14863/08 tal-10 ta' Novembru 2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 16466/1/10Rev 1 tat-18 ta' Novembru 2010.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi XXX
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill,
Il-President*